

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 930/2014**tat-28 ta' Awwissu 2014****li jemenda għall-218-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida, ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fl-20 ta' Awwissu 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda li jżid persuna fiżika waħda mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Awwissu 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija
Strumenti*

⁽¹⁾ ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESI

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 l-annotazzjoni li ġejja għandha tizzied taħt l-intestatura "Persuni naturali":

"Qari **Rahmat** (alias Kari Rahmat). Data tat-twelid: (a) 1981 (b) 1982. Post tat-twelid: Shadal (varjant Shadaal) Bazaar, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Indirizz: (a) Villaġġ ta' Kamkai, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan (b) Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 20.8.2014."
